MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 497/2004

**GasanMamo Insurance Limited surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Attard**

**vs**
**Renzo Pollacco**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u lira, Liri Maltin u seba' centezmi (Lm501.07) rapprezentanti danni li sofrew meta l-attur waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru AAB 096 fl-1 ta' Awissu, 2003 gewwa l-Floriana habat mall-vettura numru DAI 324 propjeta' ta' Renzo Pollacco u kkaguna danni f 'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat,**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-22 ta' Dicembru, 2003 kontra l-konvenut, u tal-parir Lm15.00 bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fil-15 ta' April, 2004 fejn intqal illi:**

**Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, pero' b'tort tas-sewwieq Mario Attard, li kien qed isuq il-vettura AAB 096, u dana minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Mario Attard, u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Sema' x-xhieda ta' Mario Attard, Renzo Pollacco u PS 325 Patrick Bonnici. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan l-incident jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-1 ta' Awissu, 2003 il-Floriana ghal habta ta' 8 :55a.m. bejn il-vettura AAB 096 misjuqa minn Mario Attard u l-vettura numru DA1 324 misjuqa minn Renzo Pollacco.**
**2. L-attur kien gej mid-direzzjoni tal-petrol station ta' hdejn il-carpark tal-Floriana miexi fid-direzzjoni biex jibqa' niezel lejn Marsamxett.**
**3. Il-konvenut kien gej mid-direzzjoni tal-Phoenicia biex imur fid-direzzjoni tad-Depot tal-Pulizija.**
**4. Fil-parti fejn sehh l-incident hija cross road peress illi ghandek dawk il-karozzi illi bhall-attur riedu jinzlu lejn Marsamxett u dawk il-karozzi bhal konvenut illi riedu jibqghu sejrin fid-direzzjoni tad-Depot.**
**5. Il-konvenut qabel ma telaq mit-triq tal-Phoenicia Hotel waqaf fuq l-stop sign u mbaghad hareg u saq lejn id-Depot. Skond il-konvenut kif wasal fil-punt fejn gara l-incident giet il-vettura ta' l-attur b'velocita'.**

**6. L-attur ighid li waqaf fuq l-stop sign li hemm qabel l-ewwel cross road li minnha jghaddu tal-linja u wara baqa' niezel. Hu kien qed ihares fuq in-naha tax-xellug tieghu fid-direzzjoni li taghti ghad-Depot : « minhabba li kien gej wiehed minn dik id-direzzjoni ». L-istess attur ighid « fuq in-naha tal-lemin tieghi ma haristx ». L-attur ighid li kien miexi b'xi 10 jew 15 m.f.s.**

**7. Il-konvenut da parti tieghu jghid li mill-stop sign li hareg u sa fejn grat il-kollizzjoni hemm distanza ta' xi tlett karozzi, u setgha jara l-stop sign minn fejn hareg l-attur.**

**8. Jirrizulta li l-habta grat fil-parti wara li tiskorri t-traffic island.**

**9. Tenut kont ta' dak li ntqal it-Tribunal qed jinnota illi l-attur meta kien intenzjonat li jikser il-karreggjata li minnha kien ghaddej il-konvenut ma zammx *a proper look out* ghal vetturi li gejjin, huwa baqa' hiereg bil-konsegwenza illi habat go l-attur li kien gia beda jiskorri t-traffic island. Ma hemmx dubbju illi l-incident gara proprju minhabba illi l-attur waqt li kien qed isuq, waqt li kien fl-obbligu li jara jekk kienux gejjin vetturi minn fuq il-lemin tieghu ma harisx peress li hu hares biss fuq ix-xellug tieghu.**

**10. It-Tribunal ma jqisx validu l-argument li l-stop sign li hemm fit-tarf tat-triq tal-Phoenicia Hotel japplika ghal dik il-parti fejn sehhet il-kollizzjoni. Fic-cirkostanzi l-konvenut ma ghandu ebda tort ghall-incident li sehh.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal ma jsibx responsabbli lill-konvenut ghall- incident li sehh u konsegwentement jichad it-talba attrici. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------